# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

## Il-Pulizija
## [Spettur Gabriel Micallef]

## vs

## Maurice Spiteri

**Kumpilazzjoni Numru: 312/13**

**Illum, 27 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Maurice Spiteri detentur tal-karta tal-identita` numru 5747M

Akkuzat talli f'dawn l-ahhar xhur gewwa l-Qawra:

1. Naqas minn li jiehu l-mizuri kollha indikati fl-ittra ufficjali mibghuta fis-27 ta' Novembru 2012, ai termini tal-Artikolu 26 tal-Kapitolu 427 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jirretifika n-nuqqasijiet indikati mill-kwerelant fl-istess ittra ufficjali in konnessjoni mal-lift installat minn D&S Lifts Limited gewwa Block B1 tal-housing estate Triq il-Porzjunkola, Qawra.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih; u

Rat l-atti kollha tal-kawza u l-provi prodotti.

Illi din il-kawza tikkoncerna l-applikazzjoni tal-Kapitolu 427 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar Sigurezza tal-Prodotti u senjatament l-Artikolu 26 ta' dak l-Att li jghid testwalment:-

> 26.(1) *"Meta d-Direttur Ġenerali jkollu għalfejn raġonevolment jaħseb li operatur ta' kummerċ jew negozju naqas milli jħares xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul taħtu, huwa jista' b'avviż bil-miktub (li jkun magħruf bħala "l-avviż") notifikat lil dak il-proprjetarju -(a) jispeċifika d-disposizzjoni jew ir-regolament li l-proprjetarju jkun naqas milli jħares u jispeċifika dawk l-affarijiet li jikkostitwixxu n-nuqqas ta' tħaris mill-proprjetarju; (b) jispeċifika l-miżuri ta' rimedju li huma meħtieġa lijittieħdu; (ċ) jeħtieġ li l-proprjetarju jwettaq dawk il-miżuri jew miżuri ekwivalenti, f'dak iż-żmien li jista' jiġi speċifikat fl-avviż.*
>
> *(2) Kull persuna li tonqos milli tħares avviż tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att."*

Illi dawn il-proceduri gew inizjati meta l-imputat jew min minnu allegatament gie mibghut avviz minghand il-kwerelant talli naqas milli jottempera ruhhu ma' dak l-Avviz.

Illi rrizulta li dan l-Avviz qatt ma gie pprezentat f'dawn il-proceduri xi haga li hija essenzjali ghal validita` tal-istess kawza gialdarba dak li qed jigi allegat huwa li l-imputat ma kkonformax ruhhu mal-istess avviz. Kif il-Qorti tista' tara u tevalwa jekk l-imputat jew min minnu rnexxielux jew le jikkonforma ruhhu u kif tista' din il-Qorti tevalwa x'kienu r-responsabilitajiet naxxenti minn tal-Avviz.

Kif tista' ugwalment din il-Qorti tara min kien ir-ricevitur ta' dak l-Avviz u l-mittenti bil-ghan li tkun tista' tara u tevalwa jekk il-formalitajiet kollha kienu

osservati. Dan qed jinghad ghaliex l-akkuza odjerna hija fil-konfront ta' Maurice Spiteri f'ismu personali izda l-allegat ksur sar minn D & S Lifts Limited.

Illi ghal dawn il-motivi u minghajr hafna dilungar fil-mertu ta' dawn il-proceduri din il-Qorti taqta' u tiddikjara li l-imputat **Maurice Spiteri** mhux hati tal-akkuza kif dedotta kontrih stante li ma gietx ippruvata

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**